TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 214/16/F

**Alfred Zammit**

**vs**

**Network Enterprises Ltd.**

Illum 24 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Novembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija, tnejn u tmenin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€582.34), rappreżentanti l-prezz ta' saqqu li wara ftit żmien dan beda nieżel.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi kienu xtraw saqqu mingħand id-ditta ntimata, u wara ftit żmien dan is-saqqu beda nieżel.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi ma jagħtux garanzija fuq in-naħa ta' barra tas-saqqu għax dak il-materjal huwa aktar morbidu.

It-Tribunal, jinnota li m'hemm xejn kwalifikat fil-garanzija u dan is-saqqu għandu jkun garantit bħal kull saqqu ieħor.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' erba' mitt ewro (€400), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi s-saqqu jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888